# FL-ANTIPORTA TAL-
# MILLENNJU

# FL-ANTIPORTA TAL-MILLENNJU

SKS
Sensiela kotba soċjalisti

Maħruġ mid-Dipartiment tat-Tagħrif
Partit Laburista
1995

UNIVERSITY OF MALTA - LIBRARY SERVICES -
JC

442431

Jedd miżmum
mid-Dipartiment tat-Tagħrif
tal-Partit Laburista
1995

Disinn tal-qoxra: Peter Portelli

SKS - 62
Mitbugħ fil-Marsa Press

# Werrej


| | |
|---|---|
| Minflok Daħla: Kelmtejn fuq iż-żmien u fuq il-ħin – Mario Vella | vii |
| "Biex nirriflettu dwar il-materji li x'aktarx ser ikunu kruċjali fl-iżvilupp tas-soċjetà tagħna għall-bidu ta' millennju ġdid ..." | xi |
| Problemi Ambjentali tal-Ġejjieni – Alfred J. Vella | 1 |
| Għandha Titnaqqas l-Arroganza tal-Poter – Daniel Massa | 5 |
| Bil-Flus Tagħmel Triq fil-Baħar – Marie Briguglio | 7 |
| Arkitettura u Ambjent: "Burning Down the House to Stay Warm" – Martin J. Debono | 11 |
| Biex il-Liġijiet għall-Protezzjoni ta' l-Ambjent ma jibqgħux biss fuq il-Karta – Victor Axiak | 16 |
| Dimensjonijiet Ġodda tal-Ħobż u l-Ħelsien – Henry Frendo | 20 |
| Teatru u Kultura: Biex il-Viżjoni ta' Wħud ma ssirx Inkubu ta' Ħaddieħor – Vicki-Ann Cremona | 23 |
| Konservatiżmu u Ċentralizzazzjoni fl-Edukazzjoni f'Epoka ta' Tibdil Mgħaġġel – Kenneth Wain | 26 |
| L-Arka ta' Noe u l-Ħmira: ir-Rilevanza tal-Vanġelu għall-Ġejjieni – Paul Pace | 31 |
| Splużjoni ta' Problemi Etiċi u Morali fil-Mediċina – Marie Therese Podestà | 35 |
| Biex il-Kriżi ta' l-Ideoloġiji ma tkunx Kriżi ta' Valuri – Joe Friggieri | 39 |
| Lil hinn mill-miti tal-Privatizzazzjoni u Nazzjonalizzazzjoni – Andrew Ellul | 43 |
| Kwalità, Faqar, Assunzjonijiet – Pauline Miceli | 47 |
| "Town and Country Planning": Il-Perit u Lil hinn Minnu – Paul Gauci | 50 |
| Kontijiet ta' l-Istorja li għad iridu Jingħalqu– Dominic Fenech | 55 |

Il-Ħtieġa tar-Riċerka Xjentifika – Alex E. Felice 59
"Ir-riċerka hija r-ruħ tal-Università" – Roger Ellul Micallef 64
L-Intellettwali u l-Klassi Diriġenti f'Malta – Joe Inguanez 68
L-Edukazzjoni ta' l-Adulti – Peter Mayo 71
L-*Ethos* Malti Mhedded – Frans Sammut 75
Ħtieġa ta' Pjan Strateġiku għall-Università – Edward A. Mallia 79
Perspettiva Komparattiva u Internazzjonal fl-Università
– Peter Xuereb 82
Is-Sehem tal-Psikoloġija fit-Tfassil tal-Policies – Alfred Darmanin 87
"Meta l-politiċi joqogħdu siekta u jisimgħu" – Alfred Sant 89

# Minflok Daħla: Kelmtejn fuq iż-żmien u fuq il-ħin

Fil-21 ta' Jannar 1995, fuq stedina tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni*, tlieta u għoxrin persuna esperti fil-qasam tagħhom iltaqgħu biex, fi ftit minuti kull wieħed, jistqarru x'inhuma l-preokkupazzjonijiet u/jew it-tamiet tagħhom huma u jiflu x-xefaq għall-ewwel sinjali tal-millennju l-ġdid. Ix-xbieha ta' wieħed li jifli l-orizzont toffri spunti għal riflessjoni.

**L-ambigwità tax-xefaq**

Għal sekli sħaħ, forsi millennji, l-abitanti ta' dawn il-gżejjer kienu jħarsu lejn ix-xefaq b'biża' kbira: qlugħ fil-bogħod seta' jfisser il-miġja ta' mewt, stupru, serq, skjavitù. X'aktarx li kienu jisħtu l-orizzont, sew fis-sens fiżiku tiegħu u sew fis-sens temporali: il-periklu kien jiġi mill-bogħod u kull jum ġdid seta' jġib miegħu l-periklu. X'aktarx li l-ħolma l-kbira tagħhom kienet li xi darba jistenbħu ġo art bla xefaq, ġo art fejn ma kien hemm xejn lil hinn mir-raħal żgħir tagħhom, li xi darba jistenbħu ġo żmien wieqaf, bla ġejjieni, preżent etern fejn ma jista' qatt jiġri xejn ġdid.

Il-futur, il-ġdid, il-mhux magħruf, il-mhux familjari kien perċepit prinċipalment, jekk mhux esklussivament, bħala theddida. L-imgħoddi kien ... imgħoddi u, anki jekk forsi kien ifisser memorji xejn sbieħ, mill-inqas kien ħanin biżżejjed ma' min kien qed iħares lura lejh li ppermettilu li jgħix biżżejjed biex

---



MARIO VELLA twieled fl-1953. Studja l-Filosofija, is-Soċjoloġija u l-Ekonomija Politika rispettivament fl-Universitajiet ta' Malta, Londra (*London School of Economics and Political Science*) u Berlin (*Humboldt*). Speċjalizza fl-istudju tal-problemi u kundizzjonijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali u politiċi ta' l-iżvilupp ta' ekonomiji nazzjonali fil-periferija ta' l-ekonomija dinjija. Ħadem bħala riċerkatur ma' l-MDC, imbagħad waqqaf mill-ġdid u mexxa t-taqsima tat-tkattir ta' l-investiment barrani ta' l-istess korporazzjoni bejn l-1985 u l-1987. Fl-istess perjodu fassal u għallem kors ta' *public policy* fl-Università ta' Malta. Ippubblika studji filosofiċi, soċjoloġiċi u ekonomiċi kif ukoll poeżiji u novelli. Fis-snin '70 mexxa grupp ta' tejatru sperimentali. Huwa President tal-Partit Laburista. Fl-1994 ippresieda kummissjoni maħtura mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni biex tirrapporta dwar policy għall-Università.

ikun jista' jħares lura. Il-preżent kien probabbilment perċepit bħala riskju, bħala art ta' ħadd bejn l-imgħoddi, aħrax iżda retrospettivament ħanin ma' min kien għadda minnu u baqa' ħaj, u l-abbiss terribbli tal-ġejjieni. Il-preżent kien ix-xifer ta' l-irdum.

Iżda kien hawn okkażjonijiet fejn l-abitanti ta' dawn il-gżejjer refgħu ħarsithom lejn ix-xefaq b'tama, u f'xi każi bħala l-unika tama. Kif jista' wieħed f'dan il-kuntest u fil-ħamsin anniversarju tat-tmiem tat-tieni gwerra dinjija ma jaħsibx fl-emozzjonijiet li l-konvolji ta' provvisti, li mingħajrhom dan il-pajjiż ċertament kien jispiċċa f'idejn l-alleanza Nażi-Faxxista, kienu jqajmu fil-qlub tal-Maltin. Id-dehra tal-*convoy* fuq ix-xefaq u t-taqtigħ ta' qalb sakemm jidħol fil-port u jinħatt żgur li kienu l-oppost ta' l-esperjenza ta' l-ilmih ta' xini tal-furbani ... jew ta' ajruplan Ġermaniż jew Taljan fit-tieni gwerra.

Ix-xefaq fiżiku u temporali kien ukoll ifisser tama għall-eluf ta' Maltin u Għawdxin li fittxu ħajja aħjar lil hinn minnu. F'qalb l-emigrant, id-dehra ta' l-orizzont minn fuq il-gverta tal-bastiment jew, aktar tard, mit-tieqa ta' l-ajruplan, żgur li kienet tqajjem riefnu ta' ħsibijiet u emozzjonijiet kontrastanti. X'kien ser isib lil hinn minn dak ix-xefaq? Kien ser jirnexxilu jintegra ruħu fil-pajjiż fejn kien sejjer? U jekk le, x'kien ser jiġri minnu? U Malta jew Għawdex kien ser jerġa' jarahom, jew dawn issa kienu saru biss memorji minn imgħoddi li, aħrax kemm kien aħrax, kien mill-inqas ippermettielu jeżisti? Minkejja li x-xefaq kien ifisser tama, kien ifisser ukoll ħtieġa ta' bidliet radikali f'ħajtu; kien ifisser ir-riskju li kull bidla ġġib magħha. L-imgħoddi, li kien qed iħalli warajh 'il 'ġewwa' mix-xefaq, akkwista b'dan il-mod it-tifsira ta' ġuf matern li, f'mumenti ta' kriżi matul il-vjaġġ tal-ħajja, wieħed nostalġikament jitħajjar jerġa' jirritorna għall-kenn tiegħu.

In-nostalġija għall-imgħoddi (jew l-attrazzjoni ta' preżent konċepit bħala sempliċement l-aħħar tarf ta' l-imgħoddi) hija ħaġa waħda mal-biża' tal-ġejjieni (u tal-preżent konċepit bħala l-ewwel pass fil-futur). Kif jgħid Martin Buber, mingħajr l-imgħoddi ma tistax tgħix iżda jekk tgħix biss fl-imgħoddi m'intix bniedem. L-imgħoddi jagħti sinjifikat lill-esperjenzi immedjati tal-preżent, jintegrahom ġo xibka ta' tifsiriet. Tista' tgħid li l-imgħoddi jlibbes libsa ta' tifsiriet lill-preżent. F'dan is-sens Buber jgħid li "Mhux possibbli li tgħix fil-preżent għarwien". Il-preżent huwa dejjem liebes l-ilbiesi ta' l-imgħoddi. Iżda dan ifisser li jekk ma nagħmlux sforz biex noħorġu minn dan id-*default mode* (biex nissellfu terminu mid-dinja tal-kompjuter) nirriskjaw li nibqgħu dejjem ilsiera ta' l-imgħoddi. Biex tinħeles (sa kemm terġa', inevitabbilment, tinqabad) trid bilfors tagħmel sforz kbir u radikali. Sforz li bilfors jibda billi inti ssir kritikament konxju tal-libsa li libbislek l-imgħoddi. Imbagħad biss tista' tibda taspira għall-i*status* ta' ko-awtur tal-futur (il-ko-awtur l-ieħor jibqa', inevitabbilment, l-imgħoddi).

**Il-ħin bħala provokazzjoni**

Il-kelliema li ltaqgħu għall-*Konversazzjonijiet Fuq l-Antiporta tal-Millennju* għamlu kontribut siewi għal dak l-isforz kollettiv kbir li jeħtieġ li jseħħ f'dan il-pajjiż biex, b'mod radikali (jiġifieri mill-għeruq, *radix*), insiru kritikament konxji ta' l-imgħoddi biex insiru ko-awturi tal-ġejjieni. Veru li waqt il-laqgħa tal-21 ta' Jannar ma kienx hemm l-opportunità li wieħed jikkonversa. Iżda l-ħsieb żgur ma kienx li din il-laqgħa kellha tkun okkażjoni unika. Kellha tkun sempliċement okkażjoni, fost oħrajn, fejn jingħata kontribut għal konversazzjoni fuq skala ikbar milli huwa possibbli ġo sala ta' lukanda fi tliet siegħat. Il-konversazzjonijiet ikomplu, kullimkien, il-ħin kollu, bi protagonisti diversi.

Il-Professur Joe Mifsud, Kap tad-Dipartiment ta' l-Inġinerija Mekkanika fl-Università, kellu biċċa xogħol diffiċli, bħala *Chairperson* tas-seminar, biex iżomm id-dixxiplina tal-ħin. Intqal li għaxar minuti ma kinux biżżejjed biex individwu jagħmel kontribut sinjifikattiv. Veru li għaxar minuti m'humiex siegħa, iżda huma wara kollox sitt mitt sekonda. Naħseb li tajjeb li, f'dinja fejn it-tifsira ta' xinhu ħin twil jew ħin qasir, qed issir aktar u aktar determinata mil-livelli ta' effiċjenza ta' l-elettronika fl-applikazzjonijiet informatiċi tagħha, aħna konxjament nipprovokaw lilna nfusna b'rikjesti diffiċli bħal dik li saret lill-parteċipanti tas-seminar: "Għid x'taħseb f'għaxar minuti!"

Hija provokazzjoni, din, li ġġiegħlek tirrifletti kritikament fuq it-tendenzi retoriċi tal-kultura tradizzjonali umanistika tagħna ... tendenza viżibbli f'din id-*Daħla* tiegħi. Din ukoll parti mil-libsa ta' l-imgħoddi li semmejt aktar 'il quddiem. Hija provokazzjoni li tiffoka l-attenzjoni fuq l-isfidi li l-futur qed ipoġġilna quddiemna, futur mgħaġġel u bla ħniena. U għalhekk biex inkunu konsistenti ma' dak li qed ngħid nieqaf ħesrem hawn.

Dr. Mario Vella
20 ta' Mejju 1995

* Ara l-ittra ta' Dr. Alfred Sant lill-mistednin fuq paġni xi-xii.

# "Biex nirriflettu dwar il-materji li x'aktarx ser ikunu kruċjali fl-iżvilupp tas-soċjetà tagħna għall-bidu ta' millennju ġdid ..."

*Ittra minn Dr. Alfred Sant lill-mistednin*

Għażiż/Għażiża ...,

Jiena wieħed minn dawk li jemmnu li l-polemika hi meħtieġa f'pajjiż demokratiku, għax tippermetti liċ-ċittadini jagħrfu x'inhuma l-għażliet li għandhom quddiemhom. Permezz tal-kontroversja politika, kif murija fil-Parlament, jew fil-*media* jew fil-laqgħat pubbliċi, il-movimenti politiċi differenti fil-pajjiż jidentifikaw x'inhuma l-*issues* tal-mument, x'inhuma l-għażliet quddiem il-Gvern, l-Oppożizzjoni u istituzzjonijiet oħra fis-soċjetà Maltija, u b'liema mod dawn l-*issues* għandhom jitkejlu.

Madankollu, nemmen ukoll li l-ħidma politika trid tħalli spazju biex problemi li huma aktar tat-tul minn dawk li nisimgħu bihom kuljum, jiġu mistħarrġa ... bil-lest għal meta jsiru topiċi. Bħalissa, fil-bidu tas-sena 1995, dħalna fl-antiporta mhux biss ta' Seklu Ġdid, imma wkoll ta' Millennju ġdid. Jinħtieġ li bħala pajjiż, nirriflettu fuq l-isfidi l-ġodda quddiem is-soċjetà tagħna, quddiemna u quddiem dawk li se jiġu warajna. F'riflessjoni bħal din, l-oqsma kollha għandhom ikunu ta' interess għalina; l-ekonomija u l-politika; il-kultura u l-edukazzjoni; ix-xjenza u t-teknoloġija; is-servizzi soċjali u l-ħajja internazzjonali ... fost oħrajn.

Ikun utli għalhekk li sa minn issa, aħna lkoll nirriflettu dwar x'inhuma l-materji li x'aktarx li se jkunu kruċjali fl-iżvilupp tas-soċjetà tagħna għall-bidu ta' seklu ... ta' millennju ... ġdid. Nagħraf li għalhekk ikun tajjeb li wieħed jisma' l-opinjoni ta' persuni b'esperjenza u impenn f'oqsma differenti tal-ħajja tal-pajjiż, biex jara kif huma jaħsbu li se jiżviluppaw l-oqsma tagħhom. B'hekk inkunu nistgħu aħna lkoll nippreparaw strateġiji siewja għall-futur.

Hu b'dan il-ħsieb li qiegħed nistiednek biex tieħu sehem f'laqgħa li ser issir fil-Lukanda Osborne nhar is-Sibt 21 ta' Jannar 1995, bejn id-9.30am u s-2.00pm. Hi laqgħa li bilfors, għal raġunijiet prattiċi, kellha tkun limitata għal numru ristrett ta' nies.

Matulha, nixtieq nistiednek biex fi żmien mhux aktar minn għaxar minuti tagħti lill-persuni miġbura, sunt tal-ħsibijiet tiegħek dwar x'għandhom ikunu l-linji li fuqhom – fl-oqsma li jikkonċernawk - irid jitmexxa pajjiżna biex jilqa' għall-isfidi li tara li se jkunu ewlenin mal-bidu ta' dan is-Seklu u l-Millennju l-ġdid. L-eżerċizzju kollu hu maħsub biex jistimula diskussjoni meħtieġa bejn ħassieba, animaturi intellettwali u nies oħra dwar l-isfidi li pajjiżna jinsab riesaq lejhom.

Bi ħsiebni nistieden ukoll biex ikunu magħna għal din l-okkażjoni lil diriġenti ewlenin, u membri parlamentari tal-Partit Laburista, kif ukoll lill-Istampa. Fi tmiem il-laqgħa tagħna jkun hemm ikla *buffet* għall-parteċipanti kollha. Nieħu gost jekk int tkun tista' tieħu sehem f'din il-laqgħa li nixtieqha tkun informali u produttiva - billi taċċetta din l-istedina.

Fil-każ li ma tistax tilqagħha, inkunlek grat jekk tibgħat tgħidli minn qabel. Hu x'inhu, jekk fil-laqgħa li ssir jiġi deċiż li joħroġ rapport dwar x'ikun intqal, nieħu ħsieb nibgħatlek kopja tiegħu, anki biex int, jekk tixtieq, tkun tista' tibgħatli l-kummenti tiegħek. Inkun interessat ħafna li nsir naf bihom, imma m'hemmx għalfejn ngħidu, inkun interessat ħafna aktar jekk issib ħin biex tieħu sehem fl-istedina li qed nibgħatlek.

Nirringrazzjak, nistenna mingħandek dwar dan kollu u nselli għalik.

Dr. Alfred Sant
Kap ta' l-Oppożizzjoni
10 ta' Jannar 1995